



## SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA TAS-SEMESTRU EWROPEW

# L-ILĦUQ TAL-EDUKAZZJONI TERZZARJA

### 1. INTRODUZZJONI

Iż-żieda tan-numru ta' nies li jlestu l-edukazzjoni (għolja) terzzarja u t-titjib tal-kwalità ta' din huma importanti għat-**tkabbir sostenibbli u inklużiv. Rati ogħla ta' lħuq tal-edukazzjoni terzzarja, flimkien ma' kwalità u rilevanza mtejba, jistgħu jtaffu n-nuqqas ta' hili**et f'setturi ekonomiċi b'għarfien intensiv. B'dan il-mod ikunu qed jiġu promossi t-**tkabbir fil-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività**. Fid-dawl tal-pass mgħaġġel tal-progress teknoloġiku u tal-intensità tal-kompetizzjoni globali, bis-swieq tax-xogħol li jeħtieġu livelli ta' hili**et dejjem ogħla, il-livelli għoljin tal-ilħuq tal-edukazzjoni terzzarja jistgħu jsostnu t-**tkabbir intelliġenti u sostenibbli****. Għall-kuntrarju, l-inugwaljanzi persistenti u d-disparitajiet ġeografiċi fl-ilħuq tal-edukazzjoni għolja jgħarrqu l-inugwaljanza ġenerali bejn ir-reġjuni tal-UE u jwasslu għal tkabbir żbilanċjat<sup>1</sup>.

L-istrateġija Ewropa 2020 stabbilixxiet **mira ewlenija li żżid in-numru ta' persuni fl-UE ta' bejn it-30 u 34 sena li jkunu laħqu l-edukazzjoni terzzarja għal mill-inqas 40%**. L-Istati Membri stabbilixxew miri nazzjonali wkoll, kultant aktar ambizzjużi minn dawn (Tabella 1). Il-progress fir-rigward ta' dawn il-miri baqa' kostanti għal aktar minn deċennju, anki matul il-kriżi ekonomika.

F'Mejju 2017 il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet **aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja**<sup>2</sup>. Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq iż-żieda tal-aċċess għall-edukazzjoni għolja u tal-parteċipazzjoni fiha, kif ukoll fuq it-tnaqqis tar-rati tat-tluq mill-iskola. Għandha l-għan li tagħmel dan billi tipprovdi informazzjoni aktar trasparenti dwar l-opportunitajiet u l-eżiti edukattivi, gwida personalizzata u appoġġ finanzjarju lill-istudenti minn familji b'introjtu baxx.

Inizjattiva parallela fuq **stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati** għandha l-għan li ttejjeb id-disponibbiltà ta' data dettaljata u komparabbli dwar l-eżiti tal-impjeg u soċjali tal-gradwati. Hawnhekk l-għan hu li ż-żgħażaġh jiġu megħjuna jagħmlu għażliet informati u l-universitajiet jiġu megħjuna jtejbu t-tifsila tal-korsijiet tagħhom.

Din l-iskeda informattiva tiffoka fuq l-edukazzjoni għolja. L-iskeda informattiva tematika "Il-hili**et għas-suq tax-xogħol**" tħares lejn l-impjegabbiltà tal-gradwati, f'analiżi usa' tad-domanda u tal-provvista tal-hili**et**.

### 2. L-ISFIDI TAL-POLITIKA: ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PRESTAZZJONI FIL-PAJJIŻI TAL-UE

Ir-rata medja tal-**ilħuq tal-edukazzjoni terzzarja fl-UE kienet ta' 39.1%** fl-2016. Din kienet kważi nofs punt aktar mis-sena ta' qabel u 10 punti aktar mill-livell tal-2006 (Tabella 1). Tmintax-il

<sup>1</sup> Ara: "Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015" u "Mind the Gap — education inequality across EU regions", 2012.

<sup>2</sup> COM(2017)247 final.


Stat Membru laħqu l-mira tal-Ewropa 2020 ta' 40% jew aktar. Erbatax laħqu wkoll il-miri nazzjonali tagħhom għall-ilħuq tal-edukazzjoni terzjarja: Id-Danimarka, il-Ġermanja<sup>3</sup>, l-Estonja, il-Greċja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

Minkejja l-progress ġenerali f'din il-mira, **ir-rati tal-ilħuq għadhom ivarjaw ħafna bejn is-sessi u l-post tat-twelid.** It-tfajliet għandhom probabbiltà ferm ogħla li jlestu l-edukazzjoni terzjarja f'ħafna mill-Istati Membri. il-medja tar-rata ta' lħuq tagħhom hi kważi 10 punti perċentwali (pps) ogħla minn dik tal-irġiel. Il-persuni mwielda lokalment ġeneralment għandhom rati ta' lħuq ogħla minn dawk imwielda barra l-pajjiż, għad li fi ftit Stati Membri s-sitwazzjoni hi kuntrarja (Tabella 2). Fl-Irlanda u fir-Renju Unit, in-nies imwielda barra l-UE għadhom rati partikolarment għoljin; fin-naħa l-oħra tal-ispettru, fil-Greċja, fi Spanja, fl-Italja, f'Ċipru u fis-Slovenja l-persuni mwielda barra l-pajjiż għandhom rati relattivament baxxi.

---

<sup>3</sup> Il-mira nazzjonali tal-Ġermanja (42 %) tinkludi l-edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja (livell 4 tal-ISCED).

**Tabella 1 – L-ilfuq tal-edukazzjoni terzjarja (popolazzjoni b'età ta' 30-34 sena)**



Sors: Eurostat (LFS, tabella edat\_lfse\_03). Nota: L-indikatur ikopri s-sehem tal-popolazzjoni ta' 30-34 sena li rnexxielu jlesti livell ta' bejn 5 u 8 tal-ISCED. Il-mira nazzjonali għall-Ġermanja tinkludi l-edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja (livell 4 tal-ISCED). Il-prestazzjoni u l-mira nazzjonali tal-Lussemburgu jirriflettu fil-parti l-kbira l-popolazzjoni ta' immigranti b'livell għoli ta' edukazzjoni li tgħix u taħdem fil-pajjiż aktar milli l-eżitu tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tiegħu. Għal Franza, il-mira nazzjonali ta' 50% tirreferi għall-grupp ta' età 17-33. Għall-Finlandja, il-mira nazzjonali hi ddefinita b'mod aktar ristrett mill-mira ewlenija tal-UE u teskludi l-istituti teknoloġiċi. Għal aktar taħrif dwar il-miri nazzjonali u d-definizzjonijiet tagħhom, ara [http://ec.europa.eu/eurostat/documents/4411192/4411431/Europe\\_2020\\_Targets.pdf](http://ec.europa.eu/eurostat/documents/4411192/4411431/Europe_2020_Targets.pdf).

Minbarra l-isfidi ppreżentati hawn fuq, hemm erba' dimensjonijiet importanti oħra tal-politika x'jiġi kkunsidrati.

### 1. L-inugwaljanzi spazjali u soċjali.

Kwistjoni minnhom hi kif jiġi evitat li tiġi ripetuta l-inugwaljanza f'kull ġenerazzjoni suċċessiva billi jiġi żgurat li studenti minn kull sfond soċjoekonomiku jkollhom aċċess għall-edukazzjoni għolja. Nies minn sfondi żvantaġġati għadhom mhumiex rappreżentati b'mod adegwat fl-edukazzjoni terzjarja u għandhom rati ogħla tat-tluq mill-università.

Kwistjoni oħra li spiss tkun relatata tikkonċerna d-disparitajiet ġeografiċi wesgħin persistenti fl-ilfuq tal-edukazzjoni għolja<sup>4</sup> bejn l-Istati Membri iżda anki fi ħdanhom. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-inugwaljanza fl-introjtu f'livell reġjonali, jikkawżaw l-"eżodu ta' mħuħ" u jxekklu t-tkabbir tar-reġjuni.

**2. Rati baxxi ta' tlestija** jindikaw problemi fl-effiċjenza u/jew fl-ekwità fi ħdan is-sistemi tal-edukazzjoni terzjarja. Perjodi twal ta' studju u sehem għoli ta' studenti li jonqsu milli jiggradwaw ixekklu

<sup>4</sup> Ara: "Mind the Gap — education inequality across EU regions", 2012.

l-effiċjenza tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja. Biex tiżdied l-effiċjenza tal-investment pubbliku fl-edukazzjoni għolja jaf ikun hemm bżonn li jsiru sforzi partikolari biex jitnaqqsu r-rati għoljin tat-tluq mill-iskola. Il-Belġju, il-Greċja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja<sup>5</sup> u s-Slovenja għandhom l-ogħla rati tat-tluq fl-UE. Barra minn hekk, ir-rati ta' tlestija għandhom jindikaw inugwaljanzi: studenti minn kuntesti soċjoekonomiċi foqra għandhom bil-bosta l-akbar probabbiltà li jitolqu mill-edukazzjoni terzjarja<sup>6</sup>.

**3. Il-kwalità** tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja. Din hi ġeneralment diffiċli biex titkejjel u b'hekk biex tiġi rrelata mal-mekkaniżmi ta' finanzjament. Il-kwalità tal-edukazzjoni offruta u l-valur miżjud perċepit ta' kwalifika tal-edukazzjoni għolja għall-impjeg futur huma fundamentali fid-determinazzjoni tal-attraenza tal-edukazzjoni għolja.

**4. Filwaqt** li hu marbut ferm mill-qrib mad-dimensjoni preċedenti, **l-allinjament insuffiċjenti** tal-edukazzjoni għolja **mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol** hu fil-bażi tar-rati ta' impjeg baxxi tal-gradwati terzjarji.

Il-punt ta' riferiment tal-UE dwar l-impjegabbiltà<sup>7</sup> jsegwi r-rati ta' impjeg tal-gradwati fost l-Istati Membri. Ir-rati huma kriterju wieħed għall-valutazzjoni ta' kemm hi rilevanti l-edukazzjoni għolja offruta għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol kif ukoll għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni nfisha. Ir-rati ta' impjeg huma affettwati minn ċaqliq fuq terminu qasir fid-domanda għall-ħaddiema dovut għal ċikli ekonomiċi wkoll. Tkun meħtieġa informazzjoni komparabbli rigward il-kompetenza ta' gradwati biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-edukazzjoni għolja b'mod indipendenti mir-rilevanza tagħha.

Il-kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-impjegaturi u l-feedback akbar mingħand il-gradwati kieku jagħmlu l-kurrikuli akkademiċi aktar rilevanti għassejben tal-impjegji u jkunu ta' gwida aħjar għall-istudenti meta jiġu biex jagħmlu għażliet qabel u matul l-istudji tagħhom. Iż-żieda tal-varjeta' fil-modalitajiet ta' studju (bħal studju part-time jew tagħlim mill-bogħod) u l-iżvilupp ulterjuri tal-edukazzjoni vokazzjonali għolja u tal-edukazzjoni għolja professjonali huma meqjusa bħala ta' għajjnuna wkoll. Dawn jagħmlu l-offerta tal-edukazzjoni aktar flessibbli u aktar adattata għall-ħtiġijiet tan-negozji kif ukoll tal-ħaddiema kurrenti u futuri.


---

<sup>5</sup> Għall-Iżvezja, it-Tabella dwar ir-rati tat-tluq mill-iskola tinkludi studenti li jidħlu f'kursijiet individwali li jaf qatt ma kellhom il-ħsieb li jistudjaw il-korsijiet kollha meħtieġa għal lawrja (stmati għal 40% fl-Iżvezja).

<sup>6</sup> Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ. Il-Kummissjoni Ewropea / in-netwerk ta' esperti NESET, 2013.

<sup>7</sup> Ir-rata ta' impjeg tal-individwi ta' bejn l-20 u l-34 sena li ggradwaw mhux aktar minn tliet snin qabel is-sena ta' referenza (ara l-iskeda informattiva tematika dwar il-ħiliet għas-suq tax-xogħol, li tiddiskuti wkoll modi oħra kif jittejjeb it-tlaqqiġ tal-ħiliet, pereż. permezz ta' informazzjoni u ta' antiċipazzjoni mtejjba).

**Tabella 2 – L-ilħuq tal-edukazzjoni terzjarja skont il-pajjiż tat-twelid**



Sors: Eurostat (LFS, table edat\_lfs\_9912). Nota: m'hemmx data disponibbli għall-Bulgarija, għal-Litwanja, għar-Rumanija jew għas-Slovakkja.

### 3. LIEVI TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI POLITIĊI

Il-pajjiżi żviluppatti bħall-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea u l-Awstralja jmorru aħjar mill-Ewropa fl-ilħuq tal-edukazzjoni terzjarja. Il-livelli komparattivament baxxi tal-Ewropa jistgħu jxekklu l-kompetittività u l-potenzjal tagħha li tiġġenera tkabbir intelliġenti. Sal-2020 u wara, ħafna mill-postijiet tax-xogħol battala se jkunu jeħtieġu edukazzjoni għolja<sup>8</sup>.

It-tipi ta' miżuri li ġejjin huma partikolarment rilevanti għaż-żieda tal-livelli ta' lħuq.

**1.** Iż-żieda tal-livelli ġenerali ta' lħuq tal-edukazzjoni għolja ġeneralment tinvolvi t-tkabbir tal-ammont ta' studenti aċċettati biex ikunu inklużi studenti minn kull parti tas-soċjetà. Dan ifisser l-attrazzjoni ta' aktar studenti minn sfondi jew minn postijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati, minn gruppi etniċi jew li għandhom diżabbiltà. It-twessiegħ tal-aċċess għal gruppi sottorappreżentati mhuwix importanti biss minn perspettiva tal-ġustizzja soċjali; hu kruċjali għal pajjiżi li għandhom qed jagħmlu t-tranżizzjoni minn sistemi tal-edukazzjoni għolja għall-ELIT għal sistemi tal-edukazzjoni għolja għall-massa u għal pajjiżi li qed jaffaċċjaw tnaqqis fil-popolazzjoni.

Miżuri ewlenin biex **titwessa' l-parteċipazzjoni** jinkludu t-tneħħija tal-ostakli finanzjarji għall-parteċipazzjoni - qasam fejn it-tendenzi kurrenti tal-politiki jvarjaw - u l-introduzzjoni ta' flessibbiltà akbar fir-rotot li bih in-nies jidħlu fl-edukazzjoni għolja. Biex jingħelbu l-ostakli għat-twessiegħ tal-aċċess għall-edukazzjoni għolja, importanti li jiġi żgurat li jkunu jeżistu perkorsi effettivi biex issir it-tranżizzjoni għal din mill-edukazzjoni u mit-taħriġ vokazzjonali. It-titjib tar-rikonossiment tal-għarfien diġà miksub f'kuntesti mhux formali hu miżura importanti għal ħafna Stati Membri, b'mod partikolari biex aktar studenti adulti jiġu mħeġġa jirreġistraw għall-edukazzjoni għolja.

Il-miżuri għat-twessiegħ tal-aċċess m'għandhomx ikunu limitati għall-edukazzjoni għolja iżda għandhom ikopru stadji aktar bikrin tal-edukazzjoni wkoll. Dan għaliex l-istudenti minn gruppi vulnerabbli spiss lanqas ma jlestu l-edukazzjoni sekondarja<sup>9</sup>.

**2.** Miżura importanti biex **jizjeddu r-rati ta' tlestija** u jitnaqqas iż-żmien li l-istudenti jieħdu biex jiksbu lawrja hi t-titjib tal-gwida u tal-konsulenza biex dawn jingħataw għajna meta jiġu biex jagħżlu kors xieraq (gwida qabel id-dħul). Din hi partikolarment ta' għajna

<sup>8</sup> Ara l-previżjoni tal-ħiliet ta' Cedefop.

<sup>9</sup> Ara l-iskeda informattiva tematika "Il-persuni li jitolqu kmieni mill-iskola u t-taħriġ".

f'sistemi b'aċċess komparattivament miftuħ għall-edukazzjoni għolja. Miżura importanti oħra hi li jingħata appoġġ aħjar lill-istudenti matul l-istudji tagħhom. B'mod ġenerali, hemm bżonn ta' approċċi aktar iffokati fuq l-istudenti għat-tagħlim, bi proporzjonijiet maniġġabbli ta' persunal u studenti u b'użu intelliġenti tal-appoġġ bl-ICT. It-tfassil ta' strumenti ta' appoġġ għall-istudenti jista' jgħin om ilestu l-istudji tagħhom ukoll.

**3.** L-iżgurar li l-korsijiet tal-edukazzjoni għolja jiżviluppaw ħiliet tal-istudenti li huma **rilevanti għad-dinja tax-xogħol** hu aspekt importanti ta' kif jiġi żgurat li l-edukazzjoni għolja tibqa' attraenti fit-tul. Diversi miżuri jistgħu jaqdu rwol importanti fit-titjib tal-impjegabbiltà tal-gradwati:

- L-iżgurar ta' disponibilità aktar fil-pront u mifruxa tal-informazzjoni dwar l-impjiegi tal-gradwati, u l-użu akbar tal-projezzjonijiet tal-ħiliet (inklużi eżiti tal-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol tal-gradwati);
- L-involviment tal-partijiet ikkonċernati b'mod aktar mill-qrib fit-tfassil u fl-evalwazzjoni tal-korsijiet;
- L-użu aktar sistematiku ta' kollokamenti msejsa fuq ix-xogħol; u
- L-introduzzjoni ta' flessibilità akbar fl-istruttura tal-programmi ta' studju, li jinkludu perkorsi tat-tagħlim interdixiplinari.

Il-programmi kollha għandhom jipprevedu l-iżvilupp tal-ħiliet trażversali, b'has-soluzzjoni tal-problemi, il-komunikazzjoni u x-xogħol f'tim, minbarra l-iżvilupp ta' għarfien speċifiku għas-suġġetti. F'pajjiżi b'livelli għoljin ta' qgħad fost il-gradwati, rieżami tal-bilanċ tal-istudenti li jidħlu f'dixiplini differenti biex jiġu identifikati oqsma fejn hemm ammont eċċessiv ta' gradwati jgħin fl-eżiti tal-impjeg ukoll. Hekk ukoll l-għoti ta' gwida aħjar lill-istudenti kurrenti u prospettivi.

#### **4. EVALWAZZJONI BIR-REQQA TAL-ISTAT TAL-POLITIKA**

Peress li l-Istati Membri għandhom sistemi nazzjonali u punti tat-tluq differenti f'termini tal-ilħuq tal-edukazzjoni għolja, il-prijoritajiet ewlenin

tagħhom biex jilħqu l-miri nazzjonali f'dan il-qasam ivarjaw ħafna. Minkejja dan, hu possibbli li l-prijoritajiet tal-Istati Membri individwali jiġu kkategorizzati skont id-dimensjonijiet tal-politika ewlenin li ġew enfasizzati preċedentement.

**1. It-twessiegħ tal-aċċess għall-edukazzjoni għolja.** Tnax-il Stat Membru għadhom xi forma ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsejsa fuq il-prestazzjoni b'dimensjoni soċjali li jipprovdu finanzjament lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jekk jilħqu livell definit ta' prestazzjoni fl-għanijiet soċjali. Il-mekkaniżmi ta' finanzjament imsejsa fuq il-prestazzjoni jintużaw l-aktar spiss biex jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' studenti b'diżabbiltajiet jew minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati.

Fl-2015 l-Irlanda nediet "Pjan nazzjonali tal-ekwità fl-aċċess għall-edukazzjoni għolja". Dan għandu ħames għanijiet u jistabbilixxi aktar minn 30 azzjoni biex jgħinu lil gruppi sottorappreżentati jidħlu fl-edukazzjoni terzjarja. Dawn il-gruppi jinkludi studenti żvantaġġati, maturi jew b'diżabbiltà u membri tal-komunità Traveller.

Ir-Repubblika Ċeka żiedet l-għotjiet għall-istudenti fil-bżonn kif ukoll in-numru ta' programmi orjentati lejn il-professjonijiet biex tippromwovi diversità soċjali msaħħa fost l-istudenti fl-edukazzjoni terzjarja. L-Iżvezja nediet investigazzjoni fil-governanza u fil-finanzjament tal-edukazzjoni għolja, bl-għan li żżid in-numru ta' studenti minn sfondi żvantaġġati. Il-Kroazja qed tuża l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex tipprovdi appoġġ lill-istudenti minn sfondi żvantaġġati.

**2. It-tnaqqis tar-rati tat-tluq mill-iskola u ż-żmien meħud biex titlesta lawrja.** L-Estonja rrevediet is-sistema tagħha ta' finanzjament tal-edukazzjoni għolja biex tteġġeg lill-istudenti jlestu l-istudji tagħhom fiż-żmien nominali. Ir-reġjun Fjamming tal-Belġju qed isostni approċċi alternattivi b'hal programmi b'ċiklu qasir fl-edukazzjoni għolja.

**3. It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja u ż-żieda tar-rilevanza ta' din għas-suq tax-**

**xogħol.** Is-Slovenja għandha pjan ambizzjuż biex tagħmel il-finanzjament tal-edukazzjoni għolja aktar orjentat lejn il-prestazzjoni. Il-Bulgarija qed timplimenta finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni u qed tiffoka sforzi fuq it-tiżni tal-parteċipazzjoni fl-oqsma relatati max-xjenza, mat-teknoloġija, mal-inġinerija u mal-matematika (STEM). F'Malta, diversi inizjattivi għandhom l-għan li jżidu n-numru ta' gradwati f'suġġetti relatati max-xjenza.

Il-komunità Fjamminga tal-Belġju żviluppat pjan ta' azzjoni STEM li jinvolvi l-livelli edukattivi kollha, filwaqt li l-komunità frankofona qed tiffoka fuq it-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol f'setturi fejn ġie identifikat jew hu mistenni nuqqas ta' ħiliet. Il-Kroazja tipprovdi boroż ta' studju ffinanzjati mill-FSE għall-istudenti fis-STEM. L-Estonja stabbilixxiet għodda ta' tbassir biex tantiċipa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet, b'rakkomandazzjonijiet għall-ippjanar bil-quddiem fl-edukazzjoni u fit-taħriġ.

Il-Polonja introduċiet sistema nazzjonali ta' traċċar tal-gradwati biex tindirizza l-ħtieġa għal informazzjoni aħjar dwar l-eżiti tas-suq tax-xogħol. Bħalissa r-Rumanija qed tiżviluppa għodda biex issegwi l-integrazzjoni tal-gradwati fis-suq tax-xogħol. Il-Patt Nazzjonali riċenti ta' Spanja dwar l-edukazzjoni jfittex li jadatta aħjar l-offerti edukattivi għad-domandi tal-industrija lokali, jirrieżamina l-mudell ta' finanzjament u jippromwovi l-eċċellenza fl-universitajiet. Ċipru, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Iżvezja dan l-aħħar ħadu miżuri biex isaħħu l-garanzija tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja.

Data: 6.11.2017

## 5. REFERENZI

- Il-Kummissjoni Ewropea: Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2017  
[http://ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/et-monitor\\_mt](http://ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/et-monitor_mt)
- Il-Kummissjoni Ewropea: L-iskeda informattiva tematika dwar il-ħiliet għas-suq tax-xogħol u L-iskeda informattiva tematika dwar Il-persuni li jitolqu kmieni mill-iskola  
[http://ec.europa.eu/info/strategy/european-semester/thematic-factsheets/labour-markets-and-skills\\_mt](http://ec.europa.eu/info/strategy/european-semester/thematic-factsheets/labour-markets-and-skills_mt)
- NESSE (2012), Mind the Gap — education inequality across EU regions  
<http://www.nesse.fr/nesse/activities/reports/activities/reports/mind-the-gap-1>
- NESET (2013), Drop-out and Completion in Higher Education in Europe among students from under-represented groups  
<http://www.nesetweb.eu/sites/default/files/HE%20Drop%20out%20AR%20Final.pdf>

## 6. RIŻORSI UTILI

- Il-Kummissjoni Ewropea: Il-politika dwar l-Edukazzjoni Għolja  
[http://ec.europa.eu/education/policy/higher-education\\_mt](http://ec.europa.eu/education/policy/higher-education_mt)
- Netwerk Ewropew ta' Esperti dwar l-Ekonomija tal-Edukazzjoni (EENEE)  
<http://www.eenee.de/eeneeHome/EENEE.html>
- Netwerk ta' Esperti dwar l-Aspetti Soċjali tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ (NESET: <http://nesetweb.eu/en/>); il-predeċessur tiegħu, NESSE, ippubblika diversi rapporti utli, li jinkludu: Mind the Gap — education inequality across EU regions, 2012
- Tbassir tal-ħiliet ta' Cedefop  
<http://www.cedefop.europa.eu/mt/about-cedefop/projects/forecasting-skill-demand-and-supply/skills-forecasts.aspx>



## ANNEX

Tabella 1 – L-ilfuq tal-edukazzjoni terzjarja (totali)

	2000	2006	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	Mira
UE 28	22.4 <sup>EU2 7</sup>	29.0	33.8	34.8	36.0	37.1	37.9	38.7	39.1	40
Il-Belġju	35.2	41.4	44.4	42.6	43.9	42.7	43.8	42.7	45.6	47
Il-Bulgarija	19.5	25.3	28.0	27.3	26.9	29.4	30.9	32.1	33.8	36
Ir-Repubblika Ċeka	13.7	13.1	20.4	23.7	25.6	26.7	28.2	30.1	32.8	32
Id-Danimarka	32.1	43.0	41.2	41.2	43.0	43.4	44.9	47.6	47.7	40
Il-Ġermanja	25.7	25.8	29.7	30.6	31.8	32.9	31.4	32.3	33.2	42
L-Estonja	30.8	32.5	40.2	40.2	39.5	42.5	43.2	45.3	45.4	40
L-Irlanda	27.5	41.3	50.1	49.7	51.1	52.6	52.2	52.3	52.9	60
Il-Ġreċja	25.4	26.9	28.6	29.1	31.2	34.9	37.2	40.4	42.7	32
Spanja	29.2	39.4	42.0	41.9	41.5	42.3	42.3	40.9	40.1	44
Franza	27.4	39.7	43.2	43.1	43.3	44.0	43.7	45.0	43.6	50
Il-Kroazja	:	16.7	24.5	23.9	23.1	25.6	32.1	30.8	29.3	35
L-Italja	11.6	17.6	19.9	20.4	21.9	22.5	23.9	25.3	26.2	26
Ċipru	31.1	46.1	45.3	46.2	49.9	47.8	52.5	54.5	53.4	46
Il-Latvja	18.6	19.3	32.6	35.9	37.2	40.7	39.9	41.3	42.8	34
Il-Litwanja	42.6	39.4	43.8	45.7	48.6	51.3	53.3	57.6	58.7	48.7
Il-Lussemburgu	21.2	35.5	46.1	48.2	49.6	52.5	52.7	52.3	54.6	66
L-Ungerija	14.8	19.4	26.1	28.2	29.8	32.3	34.1	34.3	33.0	30.3
Malta	7.4 <sup>u</sup>	20.7	22.1	23.4	24.9	26.0	26.5	27.8	29.9	33
In-Netherlands	26.5	35.8	41.4	41.2	42.2	43.2	44.8	46.3	45.7	40
L-Awstrija	:	21.1	23.4	23.6	26.1	27.1	40.0	38.7	40.1	38
Il-Polonja	12.5	24.7	34.8	36.5	39.1	40.5	42.1	43.4	44.6	45
Il-Portugall	11.3	18.3	24.0	26.7	27.8	30.0	31.3	31.9	34.6	40
Ir-Rumanija	8.9	12.4	18.3	20.3	21.7	22.9	25.0	25.6	25.6	26.7
Is-Slovenja	18.5	28.1	34.8	37.9	39.2	40.1	41.0	43.4	44.2	40
Is-Slovakkja	10.6	14.4	22.1	23.2	23.7	26.9	26.9	28.4	31.5	40
Il-Finlandja	40.3	46.2	45.7	46.0	45.8	45.1	45.3	45.5	46.1	42
L-Iżvezja	31.8	39.5	45.3	46.8	47.9	48.3	49.9	50.2	51.0	40
Ir-Renju Unit	29.0	36.4	43.1	45.5	46.9	47.4	47.7	47.9	48.2	:

Sors: Eurostat (LFS, tabella [t2020\_41]).

Nota: il-mira nazzjonali għall-Ġermanja tinkludi l-edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja (livell 4 tal-ISCED), li madankollu mhix inkluzja fil-kolonna tad-data bejn l-2000 u l-2016; Franza u l-Finlandja għandhom definizzjonijiet ftit differenti tal-mira nazzjonali.

**Tabella 2 – L-ilħuq tal-edukazzjoni terziarja skont is-sessi**

	Irgiel				Nisa				Disparità bejn is-sessi 2016		Sehem tan-nisa (%)
	2013	2014	2015	2016	2013	2014	2015	2016	Assoluta (N-R)	Relattiva (N-R)	
UE 28	32.8	33.6	34.0	34.4	41.4	42.3	43.4	43.9	9.5	24.3	55.9
Il-Belġju	36.2	37.4	36.7	40.4	49.3	50.2	48.7	50.7	10.3	22.6	55.7
Il-Bulgarija	21.8	23.4	24.8	27.2	37.6	39.0	39.9	41.0	13.8	40.8	58.3
Ir-Repubblika Ċeka	24.0	24.2	24.7	27.2	29.6	32.5	35.9	38.7	11.5	35.1	57.2
Id-Danimarka	35.2	39.4	39.6	41.0	51.8	50.5	55.9	54.6	13.6	28.5	56.3
Il-Ġermanja	32.2	32.0	32.2	33.4	33.7	30.8	32.4	33.0	-0.4	-1.2	48.8
L-Estonja	31.8	32.8	34.5	38.8	53.7	54.2	56.7	52.4	13.6	30.0	55.8
L-Irlanda	45.9	45.1	45.1	46.6	58.7	58.6	58.6	58.5	11.9	22.5	58.4
Il-Ġreċja	30.8	32.9	35.3	36.2	39.0	41.6	45.5	48.8	12.6	29.5	58.7
Spanja	37.1	36.8	34.8	33.5	47.5	47.8	47.1	46.6	13.1	32.7	58.5
Franza	39.4	39.2	40.3	38.1	48.4	47.9	49.6	48.8	10.7	24.5	57.5
Il-Kroazja	21.7	25.6	23.7	22.2	29.7	38.9	38.1	36.7	14.5	49.5	61.6
L-Italja	17.7	18.8	20.0	19.9	27.3	29.1	30.8	32.5	12.6	48.1	61.8
Ċipru	41.6	46.0	46.7	43.9	53.4	58.2	61.6	62.1	18.2	34.1	60.7
Il-Latvja	28.3	27.8	26.8	30.1	53.1	52.3	56.5	56.1	26.0	60.7	64.2
Il-Litwanja	41.9	44.0	47.2	48.1	60.8	62.7	68.4	68.8	20.7	35.3	60.1
Il-Lussemburgu	49.2	49.8	46.8	52.7	55.6	55.4	57.7	56.5	3.8	7.0	50.9
L-Ungerija	26.8	28.0	27.6	26.4	37.8	40.3	41.0	39.6	13.2	40.0	59.4
Malta	22.7	22.8	23.6	27.4	29.5	30.5	32.2	32.5	5.1	17.1	52.6
In-Netherlands	40.1	41.6	43.0	41.7	46.4	48.0	49.6	49.7	8.0	17.5	54.3
L-Awstrija	26.4	38.3	37.5	38.3	27.8	41.6	40.0	42.0	3.7	9.2	51.9
Il-Polonja	32.9	34.2	35.1	35.6	48.4	50.2	52.0	53.9	18.3	41.0	59.2
Il-Portugall	24.0	23.2	23.3	27.3	35.7	38.9	40.1	41.6	14.3	41.3	61.6
Ir-Rumanija	21.6	22.9	24.2	23.9	24.2	27.2	27.2	27.4	3.5	13.7	51.9
Is-Slovenja	31.1	30.0	32.0	33.6	49.6	53.6	56.4	55.3	21.7	49.1	61.3
Is-Slovakkja	22.3	22.5	22.8	24.0	31.8	31.5	34.4	39.4	15.4	48.9	60.9
Il-Finlandja	37.6	38.2	38.1	38.4	52.9	52.6	53.4	54.4	16.0	34.7	57.0
L-Iżvezja	41.8	42.4	43.2	43.4	55.2	57.9	57.7	59.2	15.8	31.0	56.3
Ir-Renju Unit	44.4	44.3	44.5	46.0	50.4	51.1	51.1	50.3	4.3	8.9	52.7

Sors: Eurostat (LFS, tabelli [t2020\_41] u [lfsa\_pgaed]).

Nota: Id-disparità assoluta bejn is-sessi = ir-rata tal-ilħuq tal-livell terziarju tan-nisa – ir-rata tal-ilħuq tal-livell terziarju tal-irġiel; Id-disparità relattiva bejn is-sessi = Id-disparità assoluta bejn is-sessi / Ir-rata totali tal-ilħuq tal-livell terziarju \* 100; Is-sehem tan-nisa (%) = Il-gradwati terziarji nisa 30-34 / Il-gradwati terziarji totali 30-34 (f%).

**Tabella 3 – L-ilħuq tal-edukazzjoni terzjarja skont il-pajjiż tat-twelid**

	2010			2016			Disparità bejn l-Imwiela barra l-pajjiż — In-nattivi
	Total	Imwiela barra l-pajjiż	Nattivi	Total	Imwiela barra l-pajjiż	Nattivi	
UE 28	33.8	28.3	34.7	39.1	35.3	39.9	-4.6
Il-Belġju	44.4	36.3	46.5	45.6	36.9	48.2	-11.3
Il-Bulgarija	28.0	:	27.9	33.8	:	33.7	:
Ir-Repubblika Ċeka	20.4	31.1	20.1	32.8	33.4	32.7	0.7
Id-Danimarka	41.2	28.5	42.7	47.7	59.8	45.1	14.7
Il-Ġermanja	29.7	23.9	31.2	33.2	30.8	34.1	-3.3
L-Estonja	40.2	56.6	39.5	45.4	46.5	45.3	1.2
L-Irlanda	50.1	55.1	48.5	52.9	58.4	50.5	7.9
Il-Ġreċja	28.6	11.5	31.7	42.7	12.3	46.5	-34.2
Spanja	42.0	24.4	47.4	40.1	22.4	44.8	-22.4
Franza	43.2	32.1	44.9	43.6	39.1	44.3	-5.2
Il-Kroazja	24.5	14.9	25.3	29.3	20.5	30.2	-9.7
L-Italja	19.9	12.7	21.3	26.2	13.4	29.5	-16.1
Ċipru	45.3	36.2	50.9	53.4	37.1	61.7	-24.6
Il-Latvja	32.6	:	32.8	42.8	62.4	42.0	20.4
Il-Litwanja	43.8	:	43.6	58.7	:	58.2	:
Il-Lussemburgu	46.1	51.2	39.5	54.6	57.2	50.9	6.3
L-Ungerija	26.1	46.8	25.7	33.0	25.3	33.2	-7.9
Malta	22.1	28.9	21.8	29.9	35.6	29.3	6.3
In-Netherlands	41.4	34.2	42.8	45.7	32.4	48.2	-15.8
L-Awstrija	23.4	24.2	23.1	40.1	34.8	42.3	-7.5
Il-Polonja	34.8	:	34.8	44.6	50.7	44.6	6.1
Il-Portugall	24.0	19.9	24.7	34.6	29.2	35.1	-5.9
Ir-Rumanija	18.3	:	18.3	25.6	:	25.6	:
Is-Slovenja	34.8	13.8	36.2	44.2	19.2	46.8	-27.6
Is-Slovakkja	22.1	:	22	31.5	:	31.5	:
Il-Finlandja	45.7	24.7	47.2	46.1	32.3	47.8	-15.5
L-Iżvezja	45.3	43.2	45.9	51.0	49.2	51.9	-2.7
Ir-Renju Unit	43.1	42.4	43.3	48.2	54.7	45.6	9.1

Sors: Eurostat (LFS, tabella [edat\_lfs\_9912]).